MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 4/1997/1

**Langdale Limited u b’ nota ta’ l-1 ta’ April 2002 is-socjeta` attrici bidlet isimha ghal Coleiro Yacht Finishes Limited**

**vs**

**Jon David Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta’ Novembru 2003 l-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill dik attrici s-somma ta’ seba’ mija u tmenin lira Maltin hamsa u ghoxrin centezmu

(Lm780.25,0) mill-konvenut dovuta bhala bilanc ta' prezz ta' kelma mizjuda "zebgha" skond digriet tal-31 ta' Lulju 1997 u b'digriet tal-Qorti tat-3 ta' Dicembu 1998 il-kelma "zebgha" qed tigi sostitwita bil-kliem "servizz ta' applikazzjoni ta' floor coating u fornituri relattivi" lis-socjeta konvenuta mibjugha u kkonsenjata mill-kumpanija attrici.

Bl-ispejjez.

Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzonijiet tas-socjeta konvenuta (a fol 6 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. In-nullita ta' l-avviz peress illi huwa nieqes minn kawzali.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Lulju 1997 (fol 14 u fol 15 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri presentanta wara d-debita awtorizzazzjoni (ara fol 15) u li biha s-socjeta konvenuta eccepiet ulterjorment (fol 20 ibid):-

1. Illi t-talba tas-socjeta attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha peress illi s-socjeta' eccipjenti ma xtrat l-ebda zebgha minghandha.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Dicembru 1998 (fol 25 sa fol 28 ibid).

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri (fol 30 ibid) u li biha s-socjeta konvenuta eccepiet ulterjorment:

1. Il-preskrizzjoni ta' tmintax (18) il-xahar skond l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili, u kif ukoll il-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-Artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod specjali in-noti rispettivi tal-partijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevati mis-socjeta konvenuta (fol 49 u fol 54 ibid).

Ikkunsidrat

Illi skond kif xehed Kenneth Coleiro (fol 40 sa fol 42 tal-atti) f'Novembru 1994 is-socjeta attrici kienet giet inkarigata minn dik konvenuta sabiex jsir "floor coating" industrijali f'post kummercjali appartenenti lil din, gewwa Hal Qormi. Fl-istess xhieda dan ix-xhud qal dwar kif gie esegwit dan ix-xoghol sa "ftit tal-gimghat wara" u irrefera ghal ilmenti li kienu saru da parti tas-socjeta' konenuta u ghall-laqghat u "tests" li kienu saru vis-à-vis l-istess ilmenti.

Illi, da parti tas-socjeta konvenuta l-unika prova sottomessa minnha hi kopja ta' ittra li iggib id-data tal-11 ta' Settembru 1996 u li ntbaghtet mis-socjeta attrici lil konsulent legali taghha u li fiha jinghad li l-istess socjeta attrici qed tinforma lill-Avukat taghha li tixtieq li jittiehdu proceduri legali in konnessjoni mal-prezz tax-xoghol imsemmi (ara fol 48 ibid). Minn din l-ittra jidher li l-istess xoghol kien "…. Carried out during December 1994".

Ikkunsidrat

Illi l-avviz in esami, li ma jidhirx li gie precedut minn xi att gudizzjarju iehor, gie presentat fis-6 ta' Jannar, 1997. Kif gie di gja premess, l-istess avviz gie korrett permezz ta' zewg digrieti f'liema okkazzjonijiet kienet giet ordnata n-notifika mill-gdid tal-istess avviz, izda kif korrett.

Illi, avolja saru dawn il-korrezzjonijiet din l-azzjoni, baqghet, fis-sustanza wahda li tirreferi ghal hlas ta' prezz ta' appalt, allegatament dovut mis-socjeta konvenuta lil dik attrici.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta konvenuta tikkontendi li l-azzjoni in esami hi preskritta a basi tal-artikoli 2148(b) u 2149(a) tal-Kodici Civili kif hawn fuq premess. Da parti taghha s-socjeta attrici qed isostni li l-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli f'dan il-kaz, hu dak ta' hames snin (l-artikolu 2156 (f) tal-istess Kodici) u dan ghar-ragunijiet specifikati minnha a fol 55 tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi, wara li l-Qorti qieset z-zewg noti ta' sottomissjonijiet, presentati mill-partijiet, Hi tal-fehma li:-

L-artikolu 2156(f) hu applikabbli ghal azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa' …. taht preskrizzjonijiet iqsar ….” Inoltre fl-artikolu 2151 (2) jinghad li “…. Jekk il-kreditu ghal dawn … (ix-)xogholijiet jew qadi iehor jirrisulta minn kont accettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni ohra tad-debitu bil-miktub ….” Il-perjodu ta' preskrizzjoni ghandu jkun ta' hames snin li jibdew jiddekorru mid-data tal-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni.

Illi b'referenza ghall-artikolu citat l-ahhar, mill-atti tal-kawza ma' rrisultax li s-socjeta konvenuta ghamlet xi forma ta' dikjarazzjoni, kif qed jigi allegat mis-socjeta' attrici, jew, b'xi mod accetat il-kont relattiv ghax-xoghol in kwistjoni. Dwar dan saret referenza ghall-ittra esebita a fol 56. Pero' fl-istess ittra hemm biss referenza ghal “quotation of the 26th October ….” Li, ukoll, ma hiex in atti u ma tistax tammonta ghal xi forma ta' dikjarazzjoni jew accettazzjoni ta' kont maghmula mis-socjeta konvenuta. In rigward l-artikolu 2156(f), kif di gja, gie citat, dan japplika ghal azzjonjiet li ma jaqghux taht perjsou ta' preskrizzjoni aqsar. Ghalhekk, issa l-Qorti ser tara jekk hux applikabbli fil-kaz in desamina perjodu aqsar ta' preskrizzjoni.

b) L-artikoli citati mis-socjeta konvenuta jirriferu ghall-azzjonijiet ta' “…. bajjada …….. ghall-prezz tal-opri jew

tax-xoghljiet taghhom jew tal-materjal li jfornu” u ghal dawk “… tal-kuntratturi ta’ bini iehor ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jforni”, rispettivament. Dwar il-kaz in desamina, l-Qorti tara li dan hu regolat mill-artikolu 1633 et seq tal-Kodici Civili li jirregolaw il-kuntratt ta’ “locatio operis”. Difatti l-prezz mitlub jirreferi ghal “servizz ta’ applikazzjoni ta’ floor coating u fornituri relattivi” fi ftit kliem applikazjoni ta’ zebgha specjali kif deskritta fix-xhieda tal-istess Kenneth Coleiro. Dan ix-xoghol kien jinvolvi li tinzebgha parti mill-mahzen in kwistjoni permezz ta’ “floor coating” industrijali. Minn dan jidher car li s-socjeta attrici taqa’ taht il-kategorija ta’ “… persuni ohra li jahdmu sengha ….” U “bajjada”. Ghalhekk ma ghandu jkun hemm ebda dubbju li din l-azzjoni hi regolata, vis-à-vis preskrizzjoni, mill-artikolu 2148(b) citat.

Ikkunsidrat

Illi, bejn Dicembru 1994, meta jidher li gie esegwit ix-xoghol in kwistjoni u d-data tal-presentata tal-avviz in esami iddikorrew aktar minn 18 il-xahar minghajr ma dan il-perjodu gie b’xi mod interott jew sospiz b’att gudizzjarju.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa l-eccezzjoni preliminari ulterjuri in esami u tiddikjara l-azzjoni in esami bhala estinta, bl-ispejjes kontra l-istess socjeta attrici.

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza bl-aggravju illi t-terminu preskrittiv applikabbli kien dak kwinwennali a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u mhux dak ta' tmintax-il xahar skond l-Artikolu 2148(b), eccepit mis-socjeta` konvenuta, u akkolt mill-ewwel Qorti;

Mill-atti tal-kawza jirrizulta li s-socjeta` konvenuta, li baqghet ma wegbitx ghall-aggravju sollevat, kienet qajmet, bhala difiza ulterjuri, l-estinzjoni tad-dritt ta' l-azzjoni a norma ta' l-Artikolu 2148 (b) u 2149 (a) tal-Kodici Civili. Gara, pero`, li meta, imbaghad, giet biex taghmel l-osservazzjonijiet taghha fuq l-applikazzjoni ta' dawn iz-zewg preskrizzjonijiet, minflok ma additat ruhha ghal dak dispost fl-Artikolu 2148 (b) ikkonfondiet dan is-subinciz (b)

mas-subinciz (a) ta' l-istess artikolu. Hekk li ghamlet is-subinciz (b) riferibbli "ghall-azzjonijiet ta' hajjata ... u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu" u mhux ukoll "ghall-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut", kif hekk, invece, korrettement jippreskrivi s-subinciz (b);

Evidentement, minn ezami tas-sentenza appellata, jidher ovvju li l-ewwel Qorti ma ntebhitx b' din it-tahwida u ghaddiet biex issostni l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2148 (b) pero` bl-applikazzjoni tat-test tal-ligi prospettat fl-inciz (a), li mhux biss hu distint, izda wkoll lanqas ma gie espressament citat mis-socjeta` konvenuta;

Rilevata din il-konfuzjoni bejn il-preskrizzjoni eccepita u l-preskrizzjoni effettivament applikata, din il-Qorti ssibha difficli biex tiddeciedi jekk dak li verament issuccieda kienx l-effett ta' *lapsus* jew zball tipografiku da parte tas-socjeta` konvenuta appellata, jew din kellhiex tabilhaqq in mira l-inciz (b) skond il-kontenut tal-kliem precizi tieghu fil-Kodici Civili. Dak li hu cert hu li s-socjeta` konvenuta, u aktar u aktar, l-ewwel Qorti applikaw in sostenn tad-difiza jew tad-decizjoni preskrizzjoni - dik ta' l-inciz (a) - li qatt ma tqajmet. Kif saput, il-Qorti "ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata" (Artikolu 2111, Kodici Civili) u l-Qorti hi prekluza milli tfittex biex tara jekk ghall-kaz hijiex applikabbli xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b' mod car u esplicitu minn min jinvokaha. (Ara **Kollez. Vol. XXXIII P I p 481; Vol. XL P I p 170; "Francis Bugeja *nomine* -vs- Indria Mercieca"**, Appell, 29 ta' Mejju 2000);

Dan premess, anke kieku stess kellu jitqies li s-socjeta` konvenuta riedet tirreferi ghas-subinciz (a) ta' l-Artikolu 2148, il-preskrizzjoni hemm kontemplata, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma tikkolpix l-azzjoni tas-socjeta` attrici appellanti. Dan donnu hu hekk rikonoxxut anke mis-socjeta` appellata tant li fin-nota taghha ta' l-osservazzjonijiet (fol. 49) tesprimi l-fehma illi l-kaz in ispecje, minhabba l-mezzi

adoperati, jintlaqat aktar bil-preskrizzjoni bjennali a norma ta' l-Artikolu 2149 (a) milli mill-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar a norma ta' l-Artikolu 2148 (a). Ghall-ewwel Qorti, invece, dan is-suggeriment tas-socjeta` konvenuta ma rceva l-ebda konsiderazzjoni favorevoli tant li optat biex issostni l-preskrizzjoni l-aktar qasira ta' tmintax-il xahar;

Issa jirrizulta mill-unika xhieda li nghatat fil-kawza, u cjoe dik ta' Kenneth Coleiro ghan-nom tas-socjeta` attrici (fol. 40), illi l-kontrattazzjoni bejn iz-zewg socjetajiet ma kienetx dik semplici ta' fornitutra ta' *floor coating* industrijali izda wkoll l-applikazzjoni ta' l-istess prodott, permezz ta' haddiema ta' l-istess socjeta` attrici, fil-*loading bay area* tal-fabbrikat tas-socjeta` konvenuta;

Kif spjegat mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza riportata a **Vol. XLII P III p 1151**, il-preskrizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2148 (a) tapplika ghal krediti ta' artifici li jipprestaw l-opra taghhom, filwaqt li fil-kaz ta' l-Artikolu 2149 (a) il-preskrizzjoni tirriferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom tkun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol - *opus* - minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet;

Din l-ahhar disposizzjoni - Artikolu 2149 (a) - tiddistingwi ruhha mbaghad mill-Artikolu 2148 (b) fis-sens li dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli ghall-kaz ta' semplici fornitura ta' materjal minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew. Ara f' dan is-sens "**Lawrence Formosa *et* -vs- Anthony Borg *proprio et nomine***", Appell, 27 ta' Jannar 1997;

Forsi d-decizjoni li l-aktar hi attinenti ghall-kaz in ispecje hi dik riportata a **Vol. XXXVIII P III p 710**. Fiha infatti ntqal dan:-

"Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar li tolqot l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara, u persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri taghhom jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li

jfornu, tirriferixxi ghal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-*locatio operis* li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol - meta l-lokazzjoni d' opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali.";

Il-Qorti tara li l-fattispecji ta' dan il-kaz partikolari, in vista tal-prova aktar il-fuq espressa, ma jirrientrawx taht il-kappa tas-subinciz (a) ta' l-Artikolu 2148. Wisq anqas taht dak tas-subinciz (b) ta' l-istess Artikolu, li hu dak li proprjament gie citat mis-socjeta` konvenuta. Hu l-kaz allura li l-konkluzjoni tas-sentenza appellata tigi disturbata ghar-ragunijiet kollha suespressi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi, in bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha maghmula, l-preskrizzjoni akkolta tat-tmintax-il xahar mhix applikabbli hawn taht s-subinciz (b) ta' l-Artikolu 2148 kif ukoll taht is-subinciz (a) ta' l-istess Artikolu.

Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa.

Finalment il-Qorti qed tirrimetti l-process lura lill-Qorti Inferjuri ghall-konsiderazzjoni u decizjoni tal-meritu u ta' l-eccezzjonijiet ghall-istess meritu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------